# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' Nhar l-Erbgha 4 ta'Mejju 2016

**Kawza Numru : 17**

**Citazzjoni Numru : 945/2005 JPG**

**Middlesea Insurance p.l.c.**

**VS**

**1. Falcotrans Ltd,**
**2. Thomas Smith & Co Ltd, bhala agenti ghan-nom ta' Allways Freight Ltd li b'digriet tal-10 t'Ottubru 2006 gie korrett ghall Allways Freight UK Ltd u Allways Groupage,**
**3. Anthony Falzon & Sons Ltd,**
**4. Francis Zammit & Brothers**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-7 t'Ottubru 2005 li taqra hekk:

*"Peress illi fis-sena 2003 is-socjeta` Outwest Ltd sid tal-Argentinian Steak House u Bar-b-q Centre Ltd ta' Burmarrad, zewg socjetajiet assocjati, ordnaw minghand is-socjeta` AEW Thurne Ltd ta' Norwich l-Ingilterra magna sofistikata sabiex jinqata' l-laham b'mezz teknikament avvanzat hafna b'sistema ta' lasers u cameras liema magna kienet tissejjah "SSV Vision System" ghall-prezz ta' liri Sterlini 143,720. (mija, tlieta u erbghin elf, seba' mija u ghoxrin)*

*Peresss illi l-bejgh tal-magna mis-socjeta` AEW Thurne Ltd sar ghab-bazi ta' delivery **"ex-works"** fil-fabbrika tal-istess socjeta` AEW Thurne Ltd f'Norwich u*

*ghalhekk kien ghax-xerrejja li jirranga ghat-trasport tal-magna mill-fabbrika tal-manifatturi ghall-fond tal-Bar-b-q Centre Ltd f'Buramarrad. (Kopja tal-invoice annessa mac-citazzjoni u mmarkat AF1).*

*Peress illi kien hemm "waiting list" gmiela ghal dawn it-tip ta' magni, din il-magna kellha tkun lesta ghas-socjeta` Bar-b-q Centre Ltd f'Ottubru 2004.*

*Peress illi xi gimghat qabel ma kella tkun lesta il-magna, is-socjeta` Bar-b-q Qentre Ltd ikkuntattat mas-socjeta` konvenuta Falcotrans Ltd sabiex Falcotrans Ltd tittrasporta l-magna mill-fabbrika tal-manifatturi f'Norwich l-Ingilterra ghall-wara l-bieb ta' Bar-b-q Centre Ltd f'Burmarrad.*

*Peress illi fid-29 ta' Settembru 2004 is-socjeta` Bar-b-q Centre Ltd u Outwest Ltd irrangaw mas-socjeta` Allcare Insurance Ltd sabiex tinhareg polza ta' assigurazzjoni li tissejjah "door to door" sabiex tkopri l-garr tal-magna mill-fabbrika tal-manifatturi ghall-fond tal-Bar-b-q Centre Ltd f'Burmarrad.*

*Peress illi l-polza ta' assikurazzjoni inharget mis-socjeta` Middlesea Insurance plc (kopja tal-cover note annessa mac-citazzjoni u mmarkata AF2).*

*Peress illi fis-29 ta' Settembru 2004 il-magna kienet lesta u giet iccekkjata mill-manifatturi AEW Thurne Ltd (Kopja tal-Final QC Inspection annessa mac-citazzjoni u markata AF3).*

*Peress illi fit-30 ta' Settembru 2004 il-magna giet ippakkjata professjonalment fil-post u cioe` fil-fabbrika tal-manifatturi mis-socjeta` Zagni International Freight Ltd, u gie anness bhala dokument AF4 lista ta' materjal li ntuza fl-ippakkjar tal-magna liema lista giet iffirmata mil-manifatturi kif ukoll skizz li juri kif giet ippakkjata l-magna.*

*Peress illi wara l-magna kienet lesta fuq il-pallett u ippakkjata fil-5 ta' Ottubru 2004 giet iccekkjata ghall-ahhar darba mil-manifatturi u gie anness mac-citazzjoni u mmarkat Dokument AF5 Despatch Check List preparat mill-manifatturi.*

*Peress illi fl-istess gurnata u cioe` fil-5 ta' Ottubru 2004 il-magna giet migbura mill-fabbika tal-manifatturi AEW Thurne Ltd, mis-socjeta` Shipley ta' Bradford liema rappresentant tal-istess socjeta` Shipley iffirma d-delivery note tas-socjeta` AEW Thurne Ltd li turi li kien qed jigbor "One SSV Machine on Pallet". Kopja tad-delivery note giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata AF6.*

*Peress illi jidher li wara li l-magna ttiehdet mill-fabbrika tal-manifatturi f'Norwich tpoggiet gewwa container numru TTNU9321530 liema container ittiehed Southampton fejn tghabba fuq il-bastiment Baudlaire liema bastiment garr il-container lejn Malta.*

*Peress illi jidher li s-socjeta` Allways Freight Litd harget bill of lading ghall-vjagg minn Southampton ghall-Malta (kopja tal-bill of lading annessa mac-citazzjoni u markat AF7).*

*Peress illi meta wasal il-bastiment hawn Malta jidher li l-container ittiehed ghall-bonded stores ta' Thomas Smith and Co. Ltd li kienu l-agenti ta' Allways Freight Ltd u Allways Groupage u jidher li Frank Debono mis-socjeta` Francis Zammit and Bros skarika l-magna minn gol-container ghall-fuq l-art.*

*Peress illi jidher li Carmel Falzon mis-socjeta` Anthony Falzon and Sons Limited kien inkarigat li jgorr il-magna mill-bonded stores ta' Thomas Smith and Co Ltd sal-fond tas-socjeta` Bar-b-q Centre Ltd Burmarrad. Illi malli din l-magna waslet il-Bar-b-q Centre Burmarrad deher bic-car li kienet sofriet min danni sostanzjali tant li din il-magna sofistikata ma setghetx tigi msewwija u kella tintbghat lura l-Ingilterra u reghget giet ordnata magna ohra.*

*Peress illi l-hsara u d-danni li grawlha l-magna kienu koperti mill-polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` Middlesea Insurance p.l.c. din hallset lis-socjetajiet Bar-b-q Centre Ltd u Outwest Ltd tad-danni u ghaldaqstant is-socjeta` attrici Middlsea Insurance p.l.c. giet surrogata fid-drittijiet tas-socjetajiet Bar-b-q Centre Ltd u Outwest Ltd (Kopja tad-discharge and Subrogation receipt giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata AF8).*

*Peress illi d-danni ikkagunati lil din il-magna gew ikkawzati minhabba t-tort u/jew l-imperizja u/jew n-negligenza u/jew nuqqasijiet tas-socjetajiet konvenuti jew min minnhom.*

*Peress illi d-danni ikkagunati lis-socjeta` attrici kif surrogata jammontaw ghal Lm74,105 (erbgha u sebghin elf, mija u hames liri Maltin) oltre l-imghax legali u spejjes.*

*Jghidu s-socjetajiet konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` attrici kif surrogata sofriet danni konsiderevoli li jammontaw ghal Lm74,105 (erbgha u sebghin elf, mija u hames liri Maltin).*

2. *Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom ikkawzaw u huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici kif surrogata.*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihalsu lis-socjeta` attrici kif surrogata s-somma ta' Lm74,105 (erbgha u sebghin elf, mija u hames liri Maltin) kif ukoll l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa ta' Patrick Muscat ghan-nom u n-rappresentanza tas-socjeta' attrici kif surrogata Middlesea Insurance Plc (a fol. 3 et seq);

Rat li l-atti tac-citazzjoni, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimati skond il-ligi;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Thomas Smith & Co Ltd nomine tal-25 ta'Jannar 2006 (a fol. 27) li taqra hekk:

1. *"Illi Allways Groupage m'hijiex legittimu kontradittur u l-kumpanija Allways Freight Ltd ma tezistix u l-kumpanija jisimha Allways Freight UK Ltd.*

2. *Illi preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qorti in kwantu l-polza ta' karigu tipprovdi li pretensjonijiet kontra l-principal taghha "may be instituted only in the place where the Freight Forwarder has his place of buisness as stated on the reverse of this FBL and shall be decided according to the law of the country in which that place of buisness is situated." In-negozju tas-socjeta` konvenuta huwa fl-Ingilterra.*

3. *Illi bla pregudizzju ghall-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija preskritta in kwantu saret wara disa' (9) xhur mid-data tal-konsenja tal-merkanzija [Artikolu 17 tat-trading conditions tal-polza ta' karigu].*

4. *Illi fil-mertu u bla pregudizzju l-eccipjenti tikkontesta:-*

a. *Ir-responsabbilita` ghall-incident.*

b. *Id-danni pretizi mis-socjeta` attrici. Bla pregudizzju u f'kull kaz l-ftehim mas-socjeta` konvenuta huwa soggett ghall-klawzola ta' limitation of liability li huma parti mill-British International Freight Association (BIFA) Standard Trading Conditions u s-socjeta` attrici bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha m'ghandiex dritt li tithallas minghand l-eccipjenti ammont iktar minn dak li jissemma fil-polza ta' karigu.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li giet ingunta in subizzjoni u b'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Thomas Smith & Co Limited nomine tal-25 ta' Jannar 2006 (a fol. 28);

Rat in-nota t'eccezzjonijiet ta' Francis Zammit & Brothers (P471) tal-25 ta' Jannar 2006, (a fol. 31)li taqra hekk:

1. *"Illi t-talba attrici in kwantu diretta lejn l-eccipjenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li hija espletat l-inkariku moghti lilha mill-konvenuti Thomas*

*Smith and Co Limited skond is-sengha w l-arti u ma hija b'ebda mod responsabbli ghall-allegati hsarat.*

2. *Illi l-eccipjenti ikkonsenjat il-magna, fi stat tajjeb u l-burdnar li accetta l-konsenja accetaha fi stat tajjeb kif jidher mid-dokument anness mac-citazzjoni mmarkat Dok AF8.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa ta' Francis Zammit & Brothers tal-25 ta' Jannar 2006, (a fol. 32 et seq);

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Anthony Falzon & Sons Ltd tal-11 t'April 2006 (a fol. 43) li taqra hekk:

1. *"Illi fir-rigward tal-ewwel talba, is-socjeta` attrici ghandha ggib il-prova u ssostni skond il-ligi l-quantum tad-danni minnha pretizi.*

2. *Illi ghar-rigward tat-tieni talba, il-pretensjoni attrici kif dedotta kontra s-socjeta` eccipjenti ghandha tkun respinta stante li s-socjeta` eccipjenti mhix responsabbli ghall-hsara li l-magna assikurata mis-socjeta` attrici garrbet u ghad-danni konsegwenzjali.*

3. *Illi fir-rigward tat-tielet talba, il-pretensjoni attrici kif dedotta kontra s-socjeta` eccipjenti ghandha tkun michuda billi fejn jirrigwarda din l-istess socjeta` Anthony Falzon & Sons Ltd ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta` attrici.*

4. *Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi."*

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta Anthony Falzon & Sons Ltd tal-11 t'April 2006 (a fol. 44);

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Falcotrans Ltd. (C8284) tal-11 t'April 2006 (a fol. 46) li taqra hekk:

1. *"Illi fir-rigward tal-ewwel talba, is-socjeta` attrici ghandha ggib il-prova u ssostni sond il-ligi l-quantum tad-danni minnha pretizi.*

2. *Illi ghar-rigward tat-tieni talba, il-pretensjoni attrici kif dedotta kontra s-socjeta` Falcotrans Ltd ghandha tkun respinta stante li s-socjeta` eccipjenti mhix responsabbli ghall-hsara li l-magna assikurata mis-socjeta` attrici garrbet u ghad-danni konsegwenzjali.*

3. *Illi fir-rigward tat-tielet talba, il-pretensjoni attrici kif dedotta kontra s-socjeta` eccipjenti ghandha tkun michuda billi fejn jirrigwarda din l-istess socjeta` eccipjenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur is-socjeta` attrici.*

4. *Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi."*

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta Falcotrans Ltd. tal-11 t'April 2006 (a fol. 47) ;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Thomas Smith & Co Ltd nomine tal-20 ta' Lulju 2006 (a fol. 52 et seq.);

Rat in-nota responsiva tas-socjeta' attrici tat-22 ta' Settembru 2006 (a fol. 66 et seq.);

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet ulterjuri ta' Thomas Smith & Co Ltd nomine tat-12 ta' Lulju 2007 (a fol. 98 et seq.);

Rat in-nota responsiva ulterjuri tas-socjeta' attrici tal-1 t'Ottubru 2009 (a fol. 110 et seq.);

Rat is-sentenza in parte ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tad-9 ta' Lulju 2008, (a fol. 144 et seq.);

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tat-18 ta' Novembru 2010 (a fol. 186) fejn innominat lil Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpanija rikorrenti tal-15 ta'Dicembru 2015 (a fol. 288 et seq);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Francis Zammit & Brothers (P471) tad-9 ta'Frar 2016 (a fol. 299 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Thomas Smith & Co Ltd bhala agenti ghan-nom ta'Alllways Freight UK Ltd tad-9 ta'Frar 2016 (a fol. 309 et seq.);

Rat in-nota ta'sottomissjonijiet ta' Anthony Falzon & Sons Ltd C6652 tad-9 ta'Frar 2016 (a fol. 317);

Rat in-nota ta'sottomissjonijet ta'Falcotrans Ltd C8284 tad-9 ta'Frar 2016 (a fol. 318 et seq);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**Dennis Galea** xehed permezz ta' affidavit a fol 57 illi huwa jokkupa l-kariga ta' *Manager* fi hdan Thomas Smith & Co Ltd li hija l-agent ta' Allways Freight UK Ltd. Huwa kkonferma illi il-merkanzija mertu ta' din l-azzjoni kienet giet konsenjata lil Anthony Falzon & Sons Limited fil-15 ta' Ottubru 2004 kif jidher mid-*Delivery Orde*r ezebita, li tinsab a fol 58.

**Timothy William Manning** xehed bil-lingwa Ingliza permezz ta' affidavit a fol 59 illi huwa d-Direttur ta' Allways Freight Ltd. Spjega illi l-garr tal-merkanzija mertu ta' din

l-azzjoni kien regolat mill-*Bill of Lading* bin-numru 16090/1. Kompla illi f'din it-transazzjoni is-socjeta Allways Freight Ltd kienet qed tagixxi bhala *freight forwarder* ai termini tad-definizzjoni li tinsab fuq wara tal-*bill of lading*, u cioe "*Freight forwarder means the multimodal transport operator who issues the FBL and is named on the face of it and assumes liability for the performance of the multimodal transport contract as a carrier*." Xehed ukoll illi s-socjeta Allways Freight Ltd hija socjeta registrata fir-Renju Unit.

**Jason Pace**, direttur tas-socjetajiet assocjati Bar-b-q Center u Outwest Ltd xehed permezz ta' affidavit a fol 79 illi l-unika persuna inkarigata mis-socjetajiet li taghhom huwa direttur sabiex taghmel l-arrangamenti necessarji biex il-magna in kwistjoni tingieb Malta hija Lara Falzon. Hija kienet infurmatu illi bhal ma ghamlet diversi drabi ohra, kienet ikkuntatjat lil Falcotrans Ltd biex dawn jirrangaw biex igibu din il-magna Malta. Kompla illi huwa qatt ma kienu jkunu jafu ma min kienet ikkontrattat Falcotrans Ltd biex jingarr dan ix-xoghol. Qal li filfatt il-kont ghal garr minghand il-manifatturi sal-Bar-b-q Center li qieghed f'Burmarrad kienet inhareg minn Falcotrans u kien jithallas lil Falcotrans. Rigward id-dokument a fol 80 qal illi dan id-dokument kien rah mad-dokumenti l-ohrajn meta waslet il-magna, izda qatt ma kien ra id-dokument ezebit a fol 81.

**Patrick Muscat** xehed permezz ta' affidavit a fol 82 illi waqt id-diskussjonijiet li s-socjeta rikorrenti kellha mas-socjetajiet assikurati Bar-b-q Center u Outwest Ltd dwar pagament taht polza ta' assikurazzjoni tad-danni li kienet sofriet il-magna in kwistjoni, l-unika kopja tal-bill of lading li qatt raw kienet il-faccata li tinsab ezebita a fol 83. Kompla illi l-ewwel darba li raw il-faccata ta' wara tal-*bill of lading* kien meta raw id-dokumenti li gew prezentati man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta Thomas Smith noe wara li bdiet din il-kawza.

**Lara Falzon** xehdet permezz ta' affidavit a fol 85, illi hija kienet ilha tahdem mas-socjeta Bar-b-q Centre mis-sena 2004 fiz-zmien meta s-socjeta kienet ghada qed tistabilixxi ruhha u tordna l-makkinarju. Ikkonfermat illi hija kienet l-unika persuna inkarigata biex taghmel l-arrangamenti necessarji ghall-garr tal-magna in kwistjoni. Ghalhekk bhal ma kienet ghamlet qabel b'makkinarju iehor, kienet ikkuntatjat lil Falcotrans Ltd li kienet tohdilhom hsieb dan it-tip ta' trasport. Hija kienet kellmet lil

certu Chris tal-Falcotrans u kienet spjegatlu li Bar-b-q Center kienet xtrat magna specjalizzata hafna u li kellhom bzonn lil Falcotrans biex jaghmlu l-arrangamenti necessarji sabiex din il-magna tingieb minghand il-manifatturi f'Norwich ghal Bar-b-q Center f'Burmarrad. Hija kienet taghtu informazzjoni rigward il-magna, il-volum taghha f'metri kubi, l-valur u l-indirizz tal-manifatturi u sussegwentement ftehmu fuq prezz.

Qalet illi hija kellha x'taqsam biss mas-socjeta Falcotrans Ltd, li qatt ma kienet infurmata, u lanqas ma staqsiet, dwar min kien involut fl-istaji diversi tal-garr ghaliex l-arrangament kien li Falcotrans Ltd kienet ser tirranga u torganizza kollox. Spjegat li l-ewwel darba li saru jafu li Falcotrans kienu qabbdu lil Allways Freight UK Ltd bhala *freight forwarder,* kien meta waslet il-magna Malta u raw id-dokumenti tal-garr, u filfatt din kienet l-ewwel darba li rat il-bill of lading ta' Allways Freight UK Ltd, liema bill of lading kienet tikkonsisti f'faccata wahda biss u cioe dik ezebita a fol 88. Xehdet ukoll illi l-ewwel darba illi hija kienet rat il-kondizzjonijiet stipulati fuq in-naha ta' wara tal-*bill of lading* kien wara li dawn gew ezebiti mill-intimati fil-mori ta' din il-kawza u hadd qatt ma kien qalilha bihom dawn il-kondizzjonijiet u li ghalhekk zgur qatt ma fthemet fuqhom.

**Bernard Muscat** prezenta statement of facts li rrediga hu a fol 210 – 211 fejn qal illi fl-2004 Falcotrans Limited kienet klijenta ta' Allways Freight Limited *groupage service*. Qabel l-incident de quo, kien hemm sebgha okkazzjonijiet separati fejn Falcotrans Ltd subappaltat il-garr tal-merkanzija tal-klijenti taghha mir-Renju Unit b'dan is-servizz.

Fir-rigward tal-garr tal-merkanzija in kwistjoni, fl-4 ta' Ottubru 2004 Thomas Smith kienet ircievet talba minghand Falcotrans ghal kwotazzjoni ghal garr ta' merkanzija mir-Renju Unit. Dakinhar stess Thomas Smith provdithom bi stima li giet ikkonfermata fl-istess gurnata minn Falcotrans. Allways Freight ghamlet l-arrangamenti kollha necessarji, cioe’ mill-istima tal-merkanzija minghand il-manifattur sal-wasla tal-*container* f'Malta. Il-*container* wasal f'Malta fit-13 ta' Ottubru 2004 u Notice of Arrival kienet intbaghtet lil Falcotrans Limited l-ghada.

Fil-15 ta' Ottubru 2004 Thomas Smith irrilaxxa l-*container* mill-Freeport Terminal u kkonsenjah lill-*groupage complex* f'Hall Far ghal *unstuffing*. Ghal dan kien hemm prezenti Anthony Falzon & Sons Limited, li kif fethu l-bieb tal-*container* il-merkanzija in kwistjoni instabet fuq in-naha ta' wara tal-*container* hdejn il-bibien, fuq pallet tal-injam kbira, moghtija bi *plastic sheeting* u minghajr danni vizibbli. Ghalhekk Anthony Falzon & Sons iffirmat illi l-merkanzija kienet qed tigi ircievuta fi stat u kondizzjoni tajba.

Iktar tard dik il-gurnata, Falcotrans informat lil Thomas Smith illi meta l-merkanzija ittiehdet ghal il-klijenti taghha **u tnehha l-*plastic sheeting* irrizulta li l-merkanzija kienet soffriet danni sostanzjali**. Thomas Smith informat immedjatament lil Allways Freight b'dan l-incident li talbithom iqabbdu *surveryor* biex jinvestiga l-kwistjoni u ghalhekk Thomas Smith inkarigat lil MICS biex isir survey indipendenti.

**Paul Ellul** xehed a fol 209 illi huwa kien impjegat mas-socjeta MICS bhala surveyor u kien gie inkarigat mis-socjeta Thomas Smith biex jinvestiga dan il-kaz. Huwa pprepara u ezebixxa *survey report* immarkat bhala Dok PE. Qal illi huwa kien ha statements minghand in-nies involuti fil-garr tal-merkanzija kemm minn hawn Malta kif ukoll l-Ingilterra, u dan jinsabu annessi fir-rapport tieghu.

In kontro-ezami a fol 275 – 276 xehed illi meta ra l-magna, l-packaging kien diga tnehha u ghalhekk il-*packaging* rah apparti biss. Mistqosi jekk huwa rax xi sinjali ta' daqqiet, fuq il-*packaging*, wiegeb illi l-packing, li kien qisu *quality sheeting*, kien imqatta meta fethuh u kien hemm xi *labels* fuqu, pero aktar minn hekk ma rax.

Rigward l-istatements tan-nies Inglizi li huwa parti mir-rapport tieghu huwa spejga illi dawn ma kienx hadhom hu personalment izda kienu marru l-Ingilterra rapprezentanti ta' Thomas Smith u gabu l-*istatements* huma. Mistoqsi jekk huwa bbazax il-konkluzjoni tieghu abbazi ta' uhud minn dawn l-*istatements* wiegeb fl-affermattiv. Mistqosi jekk dawn l-*istatements* kienux ikkonfermati bil-gurament wiegeb fin-negattiv.

Huwa qal illi apparti dawn l-istatements, meta huwa qabbel id-diagram l-informazzjonu mad-*diagram* li kienu tawh il-*packers* Inglizi li kienu ppakjaw il-

magna ghand is-*suppliers* mal-pallet li hu ra Malta, irrizultalu illi ma kienx l-istess bhal *pallet* li kienu ghamlu barra. Huwa spejga li mill-informazzjoni li kien gie moghti mill-*packers*, il-*pallet* kienet *custom built* u kienet qisha zewg *pallets* fuq xulxin. Il-magna suppost kellha zewg *steels bends* li jorbtuha mal-*pallets*. Pero meta ra l-merkanzija ghand ir-ricevitur, il-*pallet* ma kienetx two tier izda *single tier*. *Steel straps* ma kienu jidhru imkien. Qal illi x-xhieda tal-persuni kollha li gabar qalu li *steel straps* ma kienx hemm, u huwa ma kellux raguni ghalfejn ma jemminhomx peress illi kienu minn kumpaniji differenti.

**Carmelo Zammit** xehed a fol 229 - 232 illi huwa socju fis-socjeta Francis Zammit Brothers u li ma kienx prezenti meta gara l-incident waqt ix-xoghol li kien gew inkarigati jaghmlu. Qal illi l-involviment tas-socjeta tieghu f'din il-kwistjoni kienet il-hatt tal-*container* li kien jinsab fiha il-makkinarju in kwistjoni. In-nies tieghu kien hattew il-makkinarju minn gol-*container*, u Falzon kienu marru bit-*truck* fejn il-makkinarju gie mghobbi mill-haddiema ta' Francis Zammit Brothers. Qal illi l-makkinarju kien mghoti bil-*plastic* u ghalhekk jekk kien hemm xi hsara, ma setghux jindunaw biha. Qal illi l-hsara setghet grat meta l-makkinarju kien tghabba barra minn Malta.

Qal illi bhala procedura, il-merkanzija l-ewwel titghabba minn ghand is-*supplier* esteru, imbaghad tmur go *warehouse*, sakemm titghabba go *container*. Meta tasal Malta, tinhatt u titghabba fuq xi haga ohra, tigi trasportata u tinhatt fuq il-post.

Qal illi qabel telaq bil-merkanzija in kwistjoni, Falzon iffirma li l-magna kienet kollox sew u li ma kellux ilmenti. Ta' Falzon pero qal illi l-ghada meta nehha l-*plastic*, induna illi l-makkinarju kien fih il-hsara. L-ghada mar il-*bond operator*, certu Louis Zahra, li qal li ma kien jaf xejn fuq il-hsara. Kompla illi l-firma li tidher fuq id-delivery note ezebita a fol 234 hija ta' Nenu Zammit li kien wiehed mid-diretturi ta' Falcotrans, li llum il-gurnata huwa mejjet.

Mistoqsi min kien responsabbli biex johodlu x-xoghol, wiegeb illi Francis Zammit u Francis Debono zgur, izda seta' kien hemm xi hadd iehor u li minn naha ta' Nenu Falzon kellu xi nies minn tieghu wkoll pero hu ma jafx min kienu. Qal illi Nenu

Falzon kien prezenti meta kien qed isir il-hatt hawn Malta u filfatt kien maghhom il-hin kollu peress li kellu t-*truck*.

Huwa kkonferma illi fil-parti tal-operazzjoni taghhom, (u cioe illi l-magna li kienet fuq pallet inqabdet minn *forklifter* u ngarret ghal fuq it-*truck*), il-magna zgur li ma waqaghtx u li ma kien hemm ebda incident. Qal illi mir-ritratti ezebiti li juru l-hsara, jidher li l-magna jista' jkun li waqghet peress illi ghandha sieq maqlughha u ghandha daqqa fuq.

In kontro-ezami a fol 232 – 233, mistqosi jekk dak li xehed fuqu jafu ghax kien prezenti jew ghax qallu xi hadd, wiegeb li huwa ma kienx prezenti fuq il-post. Qal illi bhala procedura jekk ikun hemm xi hsara fil-konsenja meta n-nies tieghu imorru jghabbu dan irid jigi ccekjat. Mistoqsi ta' min kienet ir-responsabbilita li jikxef ix-xoghol wiegeb li din kienet ta' min ghabba x-xoghol u cioe Nenu Falzon.

**Frans Zammit** xehed a fol 239 – 241 illi x-xoghol tieghu huwa ta' burdnar, u b'referenza ghal merkanzija in kwistjoni wiegeb illi kien qalulhom li kienet magna pero kellha hafna *plastic* maghha. Qal illi huwa kien qieghed hemm dakinhar meta inhattet u gharaf il-firma ta' Nenu Falzon fuq id-*delivery note*. Qal illi Falzon kien prezenti il-hin kollu dakinhar waqt li kienet qed tinhatt il-merkanzija.

Huwa xehed li l-merkanzija kienet kbira kwazi daqs tul ta' karozza. Qal li huwa kien nizzilha minn gol-*container* u ghabbiha fuq it-truck ta' Falzon. Xehed illi tul dan il-process ma kienet tidher l-ebda hsara. Spejga illi l-merkanzija ma jkollhiex *plastic* s-soltu u ma kien jidher xejn milli kien hemm gewwa. Ghalkemm normalment il-magni ikollhom *plastic* ohxon u x'hin twarrab dan il-plastic tibda tara l-kontenut izda f'dan il-kaz ma kienx hekk ghaliex il-magna kienet ippakjata hafna. Qal illi l-plastic, li kien *shrink wrapping* hadrani, ma kienx imqatta. Qal illi huma qabduha bil-*forklifter*, nizzluha minn fuq il-*container* u ghabbewha fit-truck ta' Falzon mill-ewwel. Qal ukoll illi Nenu Falzon kien iffirma id-*delivery note* dak il-hin stess fil-prezenza tieghu, biex juri li kien ha l-merkanzija f'kondizzjoni tajba. Huwa ikkonferma li waqt din l-operazzjoni il-magna fl-ebda hin ma nqalbet jew gratilha xi hsara.

In kontro-ezami a fol 241 – 242, u mistoqsi min kien ghamel ir-*wrapping* li kien ghadu kif iddeskriva, wiegeb illi l-merkanzija kienet giet hekk mill-Ingilterra.

**Martin Zahra** xehed a fol 244 – 245 illi huwa imjegat ma' Thomas Smith bhala Bond Operator. Muri d-dokument a fol 234 tal-process xehed illi ma jkunx hemm il-firma tieghu fuq dan id-dokument pero jkun hemm il-firma tal-ufficju ta' min johrog id-*delivery order* u li ma jafx min kien hareg dan id-*delivery order*. Qal illi dan id-dokument hu kien rah, u li dakinhar hu kien qieghed l-ufficju u hadd ma kien qallu li kien hemm xi hsara. Pero mbaghad kien mar is-*subcontractor* li garr il-magna u spjegalu li din kienet *shrink wrapped* hafna u ma setghax jidher x'kien hemm minn gewwa izda meta nfethet kien tidher li l-magna kien garrbet hsara.

In kontro-ezami a fol 245 – 246 huwa ikkonferma li din il-merkanzija ma rahiex. Qal illi Nenu Falzon kien iffirma quddiemu u li l-firma tar-rapprezentant ta' Thomas Smith hija jew ta' Steve Cordina jew ta' Joe Scerri. Huwa kkonferma li fuq id-dokument kien qieghed jaghraf il-firma ta' Nenu Falzon.

**Peter Busuttil** xehed permezz ta' affidavit a fol 263 – 265 illi fil-15 ta' Ottubru 2004 kien gie informat li possibilment kien hemm *claim* minhabba danni subiti minn *Slicing & Packing machine*. Qal illi Chris Grech kien ircieva telefonata minghand is-sewwieq Andrew Falzon, impjegat ta' Anthony Falzon & Sons Ltd li kienet responsabbli biex tigbor il-*pallet* li kellu dan il-makkinarju specjalizzat mill-bonded *warehouse* ta' Thomas Smith & Co Ltd u twassalha fl-*istores* ta' Outwest Ltd f'Burmarrad. Falzon informah illi kif tnehha il-*plastic wrapping* irrizulta illi l-magna kellha xi hsarat. Ghalhekk Grech cempel lil Outwest Ltd u tkellem ma' Lara Falzon illi heggitu biex imur fuq il-post u jara l-hsara estensiva li kienet soffriet il-magna. Dakinhar Grech cempillu u qallu b'dana kollu u informah illi l-kumpanija taghhom Falcotrans kienet responsabbli bhala principal tal-kuntratt ta' garr ta' merkanzija mas-socjeta Outwest Ltd minghand il-manifattur fl-Ingilterra sal konsenja tal-merkanzija sal-bieb tal-proprjeta f'Burmarrad. Qal illi huwa gie informat illi Falcotrans kienet qabbdet lil Thomas Smith & Co Ltd, li kienet tgawdi minn reputazzjoni tajba fis-settur ta' *deep sea shipping*, biex taghmel l-arrangamenti necessarji ghal kollezzjoni tal-merkanzija mill-Ingilterra sa Hal Far, minn fejn Anthony Falzon & Sons Ltd kienet giet ikkuntrattata bhala socjeta sussidjarja biex tigbor il-merkanzija minn Hal Far u tohodha fil-proprjeta ta' Outwest Ltd f'Burmarrad.

Qal illi huwa kien mar ghand Outwest flimkien ma' Grech fejn kienu sabu l-magna fuq il-*pallet* izda minghajr *plastic wrapping*. Qal illi fuq il-post kien hemm ukoll id-drivers taghhom Andrew u David, certu Chris li kien xi membru familjarji tas-sidien, is-*surveyor* Paul Ellul, *surveyor* iehor appuntant minn Allcare, u s-sidien tal-merkanzija. Qal illi l-magna, li kienet qieghda ***'unlashed and unsecured to its single tier pallet'*, kellha danni vizibli fi tnejn mis-saqajn, grif u daqqiet fuq zewg nahat u posture, bibien u partijiet ohrajn** tal-metal kienu jindikaw 'possibli warping' u li l-aghar hsara kienet tidher li sehhet **fil-kantunieri ta' fuq fejn il-metal kien *completely ripped, open and bent inwards***. Qal illi Chris Grech kien ha ritratti ta' dawn il-hsarat – Vide fol. 264.

Kompla illi l-ghada kien rega mar fuq il-post fejn kien hemm certu Michael li kien gie appuntat minn Outwest bhala konsulent taghhom sabiex jissorvelja l-procedura tas-*survey*. Il-magna kienet tinsab gewwa l-proprjeta ta' Outwest Ltd u giet ezaminata mill-Inginier. Iktar tard dakinhar kellu laqgha ma Carmel Falzon fl-ufficju ta' Falcotrans illi kien qallu li kien prezenti Hal Far fil-15 ta' Ottubru 2004 fil-*warehouse* ta' Thomas Smith meta kien infetah il-*container*. Falzon qallu li l-merkanzija kienet tinstab wahedha hdejn il-bieb u kienet *shrink wrapped* u fuq *single tier pallet* tal-injam. Falzon kien qallu li s-shrink wrapping kien intat u illi l-haddiema ta' Thomas Smith kienu nizzlu l-merkanzija mill-*container* u ghabbewha fit-*truck* tieghu, u dak il-hin ma kienet tidher l-ebda hsara minhabba ir-*wrapping*. Kompla illi huwa kien staqsa lil Falzon jekk kienx hemm xi *metal banding* li jzomm il-merkanzija marbuta mal-*pallet* u Falzon wiegeb li ma kienx hemm, u dan nonostante l-fatt illi Zagni International Freight Ltd, kienu qalu illli kien hemm zewg *metal bands* ***"passed through the fork lift access points on the machine and under the base"*** u li dawn kienu jkunu vizibbli.

**Ikkonsidrat;**

Min-noti ta' sottomissjonijiet u t-trattazzjoni li saret mill-partijiet, jidher illi hemm disgwid rigward il-ligi applikabbli fil-kaz de quo. Is-socjeta attrici tibbaza l-posizzjoni taghha fuq is-CMR mentri is-socjetajiet intimati jibbazaw it-tezi taghhom fuq il-ligi li tirregola il-garr tal-merkanzija bil-bahar.

Skont l-awtur John F. Wilson, fil-kiteb tieghu **Carriage of Goods by Sea** (7th edition 2010) a pg. 181:

> "[e]*ven though the* [The Hague/Visby] *Rules are applicable to a particular contract of carriage covered by a bill of lading, they do not necessarily govern performance of the contract in its entirety, but are merely relevant to that part of the contract relating to sea transport.* ***Thus, for the purpose of the Rules, the term 'contract of carriage' is defined as constituting 'the period from the time when the goods are loaded on to the time they are discharged from the ship****'. This is normally construed as covering the 'tackle to tackle' period in circumstances where the carrier is responsible for loading and discharge, that is, from the time when the ship's tackle is hooked onto the cargo at the port of loading until the hook of the tackle is released at the port of discharge*."

Fuq l-istess linja ta' hsieb intqal illi:

> *"[o]n the basis of the (indeed not very clear) definition of carriage of goods in article 1(e) of the Hague-Visby Rules, it is now settled that the period of their application is, for dry cargo, from the beginning of loading of the goods on the ship to the completion of their discharge from the ship. Therefore, since very frequently – this is always the case in the liner trade – the carrier takes the goods in charge before their loading on board and delivers them to the consignee in a warehouse of the port of discharge, there are periods when the goods are in the custody of the carrier to which the Hague-Visby Rules do not apply."*
>
> *Such uncertainty is cured by the Hamburg Rules, for they provide that their period of application (as well as the*

> *period of responsibility of the carrier under the Convention) is that during which the carrier is in charge of the goods at the port of loading, during the carriage and at the port of discharge."*[1]

Mis-survey report redat mill-Inginier Paul Ellul, ikkonfermat bil-gurament u ezebit bhala Dok PE1 jirrizulta illi l-hsara lill-merkanzija saret waqt illi din kienet ghada l-Ingilterra duranti l-ewwel parti tat-tragitt taghha. Huwa jghid filfatt illi **"[t]*he damages may have been concealed by re-arranging and/or replacing the plastic sheeting altogether.*"** Jidher ghalhekk illi l-merkanzija in kwistjoni garrbet hsara waqt li kienet qed tingarr fuq l-art, u cioe qabel ma bdiet tingarr fuq il-bahar. Konsegwentement, fid-dawl tal-istudju fuq enuncjat, il-Qorti taqbel mas-socjeta rikorrenti illi l-ligi u r-regoli applikabbli huma dawk relattivi ghal garr ta' merkanzija fuq l-art, u mhux dawk relattivi ghal garr ta' merkanzija fuq il-bahar.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti hija tal-fehma illi is-socjetajiet ntimati Thomas Smith & Co Ltd noe, Anthony Falzon & Sons Ltd u Francis Zammit and Brothers Ltd ma assumew l-ebda obbligazzjoni kontrattwali fil-konfront tas-socjeta attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha,, izda dahhlu biss fi ftehim mas-socjeta ntimata Falcotrans Limited ta' subappalt ghat-trasport tal-merkanzija. Pero kienet is-socjeta Falcotrans Limited it-trasportatur responsabbli ghal konsenja tal-merkanzija fil-konfront tas-socjeta attrici u hija tibqa' hekk responsabbli indipendentement mill-fatt illi tkun qabdet persuna ohra ghal dak ix-xoghol jew servizz, u dan skont l-insenjament tal-Qorti tal-Appell f'kazijiet simili.[2]

Filfatt hemm gurisprudenza kopjuza li tishaq proprju dan il-fatt. Fis-sentenza **Middle Sea Insurance Limited vs Express Trailers Limited deciza mill-Qorti tal-Appell** intqal illi t-trasportatur:

---

[1]Francesco Berlingieri, '**A Comparative Analysis of The Hague-Visby Rules, The Hamburg Rules and the Rotterdam Rules**' Paper delivered at the General Assembly of the AMD (Marrakesh, November 2009)

[2]Vide per ezempju **Petnutrition House Limited vs Jet Services Limited et,** Qorti tal-Appell Civili deciz 24 ta' Gunju 2015.

> *"... **tassumi r-responsabbilta` ghal dak kollu li s-sub-kuntrattur jaghmel ghan-nom taghha**. Debitur ta' obbligazzjoni ma jistax jipprova jehles mill-konsegwenzi tal-inadempjenza tieghu billi jwahhal f'xi hadd li qabbad biex jghinu fl-ezekuzzjoni tal-kuntratt. F'dan is-sens huma wkoll is-sentenzi Abela v. S. Mifsud & Sons Ltd deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Ottubru 2001, u Gasan Mamo Insurance Agency Ltd noe v. Sea Malta Co Ltd, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-17 ta' Novembru 2004. F'dan il-kuntest, allura, din il-Qorti tara li **l-istess socjeta` konvenuta kienet u baqghet responsabbli ghat-tragitt kollu minn Malta lejn l-Ingilterra, inkluz meta t-trailer kien fil-pussess ta' terzi ghall-parti mill-vjagg** u, cioe`, sal-port ta' Genoa fl-Italia."*

Illi fuq din il-linja ta' hsieb il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Gasanmamo Insurance plc vs Express Trailers** deciza fis-17 ta Novembru 2004 iddikjarat lit-trasportatur unikament responsabbli ghad-danni subiti mill-kijenta taghha ghaliex:

> *"Jekk hi jidhrilha ... li ghandha zzomm dan l-operatur taghha responsabbli ghan-negligenza tieghu, qua depozitarju tal-kariku, dan tista' taghmlu liberament, imma dan ma jgibx ukoll illi hi skansata minn htija fil-konfront ta' l-importatur tal-merce jew ta' l-assiguratur tieghu. Ir-rizultat del facere jew del non facere ta' l-operatur gie sew stabbilit. Rizultat li kien kontrattwalment jinteressa ir-relazzjoni interkorrenti bejn is-socjeta` appellanti u l-istess operatur. Rizultat li gab mieghu f' termini rizarcitorji dannu lit-terz li kien estraneu ghal dik l-istess relazzjoni."*

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Benjamin Bonnici nomine vs Francis Vella et nomine*** deciza fit-30 ta' Ottubru 2000 minn din il-Qorti diversament presjeduta:

> *"Illi mill-provi jirrizulta kjarament li r-rabta kuntrattwali kienet bejn is-socjeta' attrici (f'dan il-kaz s-socjeta' assikurata) u s-socjeta' konvenuta. Kull sub-appalt iehor raggunt bejn il-*

> *konvenuti nomine u t-terz – minghajr ebda partecipazzjoni jew intromissjoni da parte tas-socjeta' attrici (f'dan il-kaz is-socjeta' speditrici) – m'ghandux ikun ta' impediment ghat-talbiet attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta naxxenti mill-ftehim tal-garr milhuq bejniethom. Is-socjeta' attrici (aqra ghal dan il-kaz s-socjeta' assikurata) ma kellha qatt xi rapport guridiku mat-terz. Is-socjeta' konvenuta naqset milli twassal il-merkanzija tal-attur.............kif kienet tenuta li taghmel...............Fl-ebda waqt ma rrizulta li l-attur............ta l-kunsens tieghu jew awtorizza lill-konvenuti nomine biex dawn jinkarigaw it-trasport lil terz. Kull ftehim ghalih kien 'res inter alios acta' u n-norma applikabbli f'kaz bhal dan hija dik li 'pacta tertiis nec presunt nec nocent."*

Fuq l-istess tezi, fis-sentenza fl-ismijiet ***Albert Abela vs S Mifsud & Sons Ltd*** deciza fit-23 ta' Ottubru 2001 minn din il-Qorti diversamet presjeduta gie ritenut illi:

> *"Illi huwa rilevanti li f'dik l-istess kawza hawn citata sahansitra giet michuda l-kjamata fil-kawza tat-terza persuna li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat sabiex iggor il-merkanzija minn barra minn Malta ghal Malta, stante li sostniet li l-unika relazzjoni li kienet tezisti kienet dik bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta u ghalhekk la darba l-gudizzju huwa integru u fejn ir-responsabbilita' tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur hija indubitata, indipendentement minn x'relazzjoni jista' jkollu hu ma' haddiehor, mela allura l-kjamata fil-kawza tat-terz ma ghandhiex tigi applikata (***"Mamo vs Abela nomine"*** – Appell Civili 4 ta' Frar 2000).*
>
> *Illi dawn il-principji kollha japplikaw ghall-kaz in kwistjoni stante li l-unika relazzjoni li tezisti dwar dan il-kuntratt ta' garr ta' merkanzija mill-Ingilterra ghall-Malta kien propju dak bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta, u kull relazzjoni li setghet inholqot bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' estera indikata*

> *fin-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta hija estraneja ghall-posizzjoni tal-attur f'din il-kawza."*

Filfatt, **l-Artikolu 3 tal-*Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road*.** **(CMR),** Kapitolu 486 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

> *"For the purposes of this Convention the carrier shall be responsible for the acts and omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment, as if such acts or omissions were his own."*

Referenza ghal dan l-istess artikolu kienet saret fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Edward Woods et vs Express Trailers Limited** deciza fis-27 ta' Frar 2014, minn din il-Qorti diversament presjeduta, fejn il-Qorti rriteniet:

> *"Illi f'dan il-kaz is-socjeta' intimata hija "carrier"ai fini talartikolu 3 tal-Konvenzjoni CMR u hija tibqa' hekk responsabbli indipendentement mill-fatt illi hija tkun qabbdet persuna ta' hila ghal dak ix-xoghol jew servizz o meno. F'dan is-sens ukoll huma s-sentenza "George Bonnici et nomine vs Joseph Vella et nomine" (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2001); "Albert Abela vs S Mifsud & Sons Ltd" (P.A. (RCP) 23 ta' Ottubru 2001) u "GasanMamo Insurance Agency Limited nomine vs Sea Malta Company Limited proprio et nomine" (A.I.C. (PS) – 17 ta' Novembru 2004."*

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi is-socjeta ntimata Falcotrans Limited hija il-legittimu kontradittur f'azzjoni d-danni allegatament sofferti mis-socjeta attrici kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha, u dan peress illi mill-provi jirrizulta li s-socjeta assigurata kellha relazzjoni kontrattwali mas-socjeta Falcotrans Limited biss, u fl-ebda punt ma kkontrattat mas-socjetajiet konvenuti l-ohra. **Dan naturalment**

**b'riserva ghal kwalsiasi azzjoni spettanti lis-socjeta Falcotrans Limited fil-konfront tas-socjetajiet konvenuti l-ohra in konnessjoni ma’ dina l-vertenza.**

**Ikkonsidrat;**

Wara li rat il-provi prodotti fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-Qorti hija tal-fehma illi gie sufficjentement provat illi l-merkanzija ordnata mis-socjeta assikurata soffriet hsara waqt it-tragitt taghha mill-Ingilterra lejn Malta. Jirrizulta illi meta waslet Malta, il-magna ma kienetx fuq il-*pallet* originali taghha, u dan billi skont id-*diagram* moghti mill-kumpanija li hadet hsieb il-*packing* tal-magna lil Inginier Ellul, il-magna kienet originarjament fuq *two-tier pallet* u kienet marbuta mal-*pallet* bi *steel straps*. Meta waslet Malta pero’ kienet tinsab fuq *single-tier pallet* u ma kienetx marbuta mal-*pallet*. Irrizulta wkoll illi l-magna lanqas ma kienet marbuta mal-*container*. Minhabba f'hekk il-magna tidher li ssubiet hsarat konsiderevoli waqt li kienet qed tingarr u b'rizultat, soffriet danni estensivi kif jidher fir-rapport tal-Inginier Ellul.

Il-bazi tar-responsabilita’ tat-trasportatur tinsab **fl-Artikolu 17(1) tar-regolamenti ta’ CMR,** li jghid:

> ***“The carrier shall be liable for the total loss of the goods and for damage thereto occurring between the time when he takes over the goods and the time of delivery.”***

Skond il-gurista **Jan Ramburg**, il-bazi ta’ responsabbilita’ enuncjata fis-CMR mhix eskluza billi dak li jkun agixxa diligentement, izda hemm oneru akbar mixhut fuq it-trasportatur, li jrid jiehu l-mezzi kollha biex jevita kull hsara jew serq. Ukoll, l-awtur S. Zamara, jghid li:

> ***“the courts have been reluctant to admit as a defense that the carrier has simply not been negligent. Instead, they place a heavy burden on the carrier to show specifically how the unavoidable circumstance caused the loss.”***

L-istess inghad mill-awtur David Glass, fejn kiteb:

> *"The carrier cannot hope, simply by showing that ordinary care was taken, to escape liability. He must show that in respect of the particular loss or damage, no failing on his part could have contributed to it. It follows that a high degree of proof is required on his part, normally by proving the actual cause and showing how it arose with no fault on his part."*

Il-Qorti tqis illi s-socjeta konvenuta naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex tevita illi tigi rekata hsara lil merkanzija tas-socjeta assikurata, senjatament billi l-merkanzija ma gietx marbuta mal-*container* sabiex din tkun sigura waqt it-tragitt. Filfatt, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha is-socjeta konvenuta Falcotrans twahhal fis-socjeta Thomas Smith Co. Ltd ghal hsara subita mill-magna ordnata mis-socjeta assikurata, pero kif diga aktar il-fuq, kienet is-socjeta Falcotrans Limited biss illi kellha relazzjoni kontrattwali mas-socjeta assikurata, u ghalhekk ghandha tkun hi illi twiegeb ghan-nuqqasijiet tal-persuna li qabbdet sabiex iwettqu x-xoghol li kienet giet inkarigata biex taghmel hi.

Rigward id-danni pretizi mis-socjeta attrici, mir-rapport tal-Inginier Ellul jidher illi s-socjeta assikurata kienet xtrat magna ohra minflok dik ordnata minnha ghal total ta' 116,440 sterlina li dak iz-zmien kienu ekwivalenti ghal Lm72,322.98. Minn qari ta' dan ir-rapport jirrizulta illi ma kienetx reazzjoni ezagerata ghas-socjeta assikurata illi tixtri magna gdida, minhabba n-natura estensiva tad-danni sofferti mill-magna li kienu ghadhom kif orndaw u minhabba illi l-komponiment elettroniku ta' din il-magna ma setghax jiffunzja kif suppost wara l-hsara imgarrba minn magna.

Mid-dokument ezebit a fol 22 jidher illi s-socjeta attrici hallset lis-socjeta assikurata is-somma ta' Lm71,736 ghal *claim* taghha relattiva ghal kawza de quo, u cioe is-somma ekwivalenti ghal €166,827.90.

Il-Qorti tqis illi ma ngabet l-ebda prova sabiex b'xi mod tiskredita l-ammont pretiz mis-socjeta attrici li fid-dawl tal-provi kollha prodotti f'din il-kawza jidher gustifikat.

**Ikkonsidrat;**

Fir-rigward tal-imghax, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq materja simili inghad illi l-fatt li l-attur jinterpella lill-konvenut gudizzjarjament ghall-hlas ta' somma determinata u specifika:

> ***"jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("O'Connor – vs- Bruno Olivier" a Vol XVI pI p84). Il-fatt li l-Qorti rreduciet l-ammont ma jfisserx li l-interessi ma jibdewx ukoll jghaddu minn dakinhar tar-rikjam tas-somma, issa ridotta. Il-Qorti hawn ma llikwidat l-ebda ammont li kapaci tiggustifika lill-konvenut jappilja mal-massima "in illiquidis non fit mora.""***[3]

Fil-kawza odjerna ma jidhirx illi s-socjeta assikurata kienet baghtet xi ittra ufficjali lis-socjeta konvenuta Falcotrans Limited, u ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat u cioe' mit-22 ta' Marzu 2006.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara illi s-socjetajiet Thomas Smith & Co Ltd, bhala agenti ghan-nom ta' Allways Freight UK Ltd u Allways Groupage, Anthony Falzon & Sons Ltd u Francis Zammit & Brothers m'humiex il-legittimi kontradditturi f'din l-azzjoni u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta Falcotrans Limited u tilqa' talbiet kollha tas-socjeta attrici billi:

1. Tiddikjara illi s-socjeta` attrici kif surrogata sofriet danni konsiderevoli li jammontaw ghal €166,827.90 (mija u sitta u sittin elf, tmien mija u sebgha u ghoxrin Ewro u disghin centezmu);

2. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta Falcotrans Limited hija responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici kif surrogata; u

---

[3]**Fogg Insurance Agency Limited noe vs Paul Tabone,** Qorti tal-Appell Civili deciz 17 ta' Frar 2003.

3. Tikkundanna lis-socjeta konveuta Falcotrans Limited thallas lis-socjeta` attrici kif surrogata s-somma ta’ €166,827.90 (mija u sitta u sittin elf, tmien mija u sebgha u ghoxrin Ewro u disghin centezmu) kif ukoll l-imghax legali dekoribbli mit-22 ta' Marzu 2006 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra Falcotrans Limited.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**